31995D0126

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' April 1995

dwar il-valutazzjoni ta' 71 miżura proposta li tikkwalifika għall-finanzjament Komunitarju skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 94/445/EC rigward in-networks telematiċi interamministrattivi ta' l-istatistika dwar l-iskambju ta' beni bejn l-Istati Membri (Edicom)

(95/126/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 94/445/KE tal-11 ta' Lulju 1994 rigward in-*networks* telematiċi interamministrattivi ta' l-istatistika dwar l-iskambju ta' beni bejn l-Istati Membri (Edicom) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

billi l-proposti jiffurmaw parti mill-programm annwali mfassal biex jimplimenta in-numru ta' miżuri previsti fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 94/445/KE;

billi, il-Kumitat tal-Programmi Statistiċi tal-Komunitajiet Ewropej stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 89/382/KEE (Euratom) [2] ta l-opinjoni tiegħu favorevoli dwar l-elaborazzjoni, il-valutazzjoni u l-approvazzjoni ta' dak il-programm annwali;

billi, il-Kumitat ta' l-Istatistika dwar l-iskambju tal-beni bejn l-Istati Membri, stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/91 [3], ta l-opinjoni tiegħu favorevoli;

billi l-miżuri li għandhom jiġu applikati b'mod ċentralizzat mill-Kummissjoni, il-Kumitat ta' l-Istatistika dwar l-iskambju tal-beni bejn l-Istati Membri awtorizza, it-tiġdid ta' 15 il-kuntratt konklużskond il-proċedura indikata fil-Kuntratt Kwadru għall-informatika fis-servizzi 200 Nru DI/496, CCAM avviż 365/93

billi għall-istess numru ta' miżuri ċentralizzati, il-Kumitat ta' l-Istatistika dwar l-iskambju tal-beni bejn l-Istati Membri awtorizza, il-ħruġ u l-għoti ta' 26 tnedija għall-offerti għall-miżuri b'valur totali ta' inqas minn 200 000 EKU koperti mill-proċedura ndikata fl-Artikolu 7 ta' l-imsemmija DEĊIŻJONI Nru 94/445/KE;

billi għall-miżuri li għandhom jiġu ċentralizzati fl-Istati Membri, il-Kumitat ta' l-Istatistika dwar l-iskambju tal-beni bejn l-Istati Membri awtorizza, il-konklużjoni ta' 30 proposta ta' kuntratt skond il-proċedura ta' ftehim privat applikabbli għall-proposti ta' għajnuna lill-awtoritajiet statistiċi nazzjonali;

billi il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni tal-proposti li jikkwalifikaw għall-finanzjament Komunitarju,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-71 proposta elenkata fl-ANNESS I jistgħu jirċievu il-Finanzjament Komunitarju sa l-ammont indikat f'dak l-Anness.

Artikolu 2

L-Istati Membri huma d-destinatarji ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' April 1995.

Għall-Kummissjoni

Yves-Thibault DE SILGUY

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU C 183. tas-19.7.1994. p. 42.
(2) ĠU C 181. tas-28.06.1989. p. 47.
(3) ĠU C 316. tas-16.11.1991. p. 1.

L-ANNESS

(f'eku)

Referenza u tip ta' mizura	Titolu	Livell ta' finanzjament mill-kumunita'
Bi trattat privat ma' l-awtoritajiet nazzjonali	**Kontribuzjonijiet lil awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal istatistika tal-kummerċ fil-merkanzija**	
	Dawn il-kontribuzzjonijiet jirrigwardaw l-attivitajiet li ġejjin: — analiżi u studji metadoloġiċi — il-promozzjoni u d-distribuzzjoni ta' formoli li jinqraw mill-magni — l-iżvilupp tas-sistemi tal-proċessar ta' l-informazzjoni jew formoli jinqraw mill-magni — titjib fil-kwalita ta' tagħmir, b'mod partikolari disk/fax u s-sistema OCR — klassifiki — tixrid ta' l-informazzjoni — l-amministrazzjoni u l-integerazzjoni tas-sistemi ta' l-iprocessar ta' l-informazzjoni	B 339 000 DK 233 000 D 459 000 GR 259 000 E 281 000 F 407 000 IRL 207 000 I 296 000 L 185 000 NL 237 000 AT 400 000 P 209 000 FI 400 000 SE 400 000 UK 296 000
	Dawn il-kontribuzzjonijiet jirrigwardaw mizuri għat-titjib tal-kwalita' u riċerka ma' l-utenti fuq il-qalba ta' mistoqsijiet komuni mfassla mill-Eurostat	B 120 000 DK 82 000 D 161 000 GR 91 000 E 99 000 F 143 000 IRL 73 000 I 104 000 L 65 000 NL 83 000 P 74 000 UK 104 000
	Koordinazzjoni tar-riċerka ta' l-utenti	50 000
	Xogħol ta' analiżi tal-kwalita' jew l-informazzjoni korrispondenti għal iskop ta' aġġustament	50 000
	Studju tas-sistemi tal-ġbir (limiti minimi)	50 000
	Sostenn biex tiġi stabbilita l-interfaċċa fil-kommunikazzjoni	20 000
Kuntratt kwadru għal 200 tiġdid.	Bażi t'informazzjoni għat-tendenzi, fl-integrazzjoni ta' Stati Membri ġodda	45 000
	Żvilupp ta' publikazzjonijiet eletroniċi bl-użu tal-Comext	45 000
	Aġġustament tal-produzzjoni tal-kliem kjavi u programmi ta' input fl-IDEP	45 000
	Kontrolli tal-kompjuter dwar tkunx sħiħa l-informazzjoni f'sistema ta' klassifika	45 000
	Sostenn għas-software IDEP/CN8	70 000
	Amministrazzjoni/Taħriġ għall-għodda telematika fl-iStati Membri	45 000
	Żvilupp ta' verżjoni ċentraliżżata għall-grupp multi-users ta' IDEP/CN8	150 000
	Studju tal-fatturi li jrieġu l-utilizzazzjoni tan-networks IDEP.	110 000

(f'eku)

Referenza u tip ta' mizura	Titolu	Livell ta' finanzjament mill-kumunita'
	Standardizzazzjoni tal-messaġġi – xogħol Instat/Exstat	65 000
	Żvilupp tal-messaġġi u tal-proċeduri ta' sigurta'	70 000
	Introduzzjoni ta' għodda tat-telekomunikazzjoni ta' l-iStati Membri.	50 000
	Għajnuna biex jiġu stabbiliti interfaċċi fit-telekomunikazzjonijiet	35 000
	Funzjoni għat-trasferiment ta' klassifiki minn bażi aric 2	70 000
	ħażna ta' SITC fuq CD-ROM	35 000
	Introduzzjoni ta' faċilitajiet għal ranking u tabulazzjoni ġdida	42 000
Tnedija għall-appalt kuntratt kwadru 200	Żvilupp ta' sistema dokumentali	50 000
	Segretarjat Edicom, amministrazzjoni tal-proġetti, preparazzjoni ta' Newsletter Intrastat/ Edicom	50 000
	Sistema ta' tħejjija ta' indiċijiet	45 000
	Kumputerizzazzjoni tal-bullettin ta' kull xahar	50 000
	Komputerizzazzjoni tad-dokumenti u l-pubblikazzjonijiet meħtieġa għal adattament tan-NM.	45 000
	Amministrazzjoni centraliżata ta' l-emendi tan-NM, ħolqien ta' software NC8	50 000
	Standardizzazzjoni ta' l-inkartamenti NM biex jidħlu fis-software IDEP	50 000
	Formularju ettroniku IDEP: amministrazzjoni	80 000
	Formularju ettroniku IDEP: manutenzjoni kontinwa	30 000
	Formularju ettroniku IDEP: żvilupp u introduzzjoni tat-telekomunikazzjoni	110 000
	Sostenn għal introduzzjoni tat-telekomunikazzjoni fl-amministrazzjonijiet	65 000
	Coordinazzjoni ġenerali ta' l-Edicom	150 000
	Żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi ta' l-ipproċessar ta' l-informazzjoni għall-validazzjoni	110 000
	Żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi għat-trasferiment tan-Nomenklaturi	60 000
	Uffiċju ta' l-informazzjoni helpdesk	72 000
	CD-ROM / Twessigħ tal-kopertura geografika	100 000
	CD-ROM / Żvilupp ta' funzjonalitajiet ġodda	60 000
	Assistenza għal attiviatjiet ta' produzzjoni	100 000
	Ammistrazzjoni ta' databases u ta' sistemi ta' l-iproċessar ta' l-informazzjoni	110 000

(f'eku)

Referenza u tip ta' mizura	Titolu	Livell ta' finanzjament mill-kumunita'
Tnedija ta' Appalt	Studju ta' l-istatistika dwar transitu u ħażna	80 000
Tnedija ta' Appalt	Analiżi tal-bżonnijiet ta' informazzjoni għas-sistema tal-Vat defenittiva	90 000
Tnedija ta' Appalt	Analiżi tal-kost / benefiċju ta' l-Intrastat / Edicom għal amministrazzjonijiet u impriżi	90 000
Ftehim Speċifiku	Manutenzjoni tas-sistemi disk / fax	200 000
Ftehim Speċifiku	Aġġornament ta' tagħmir informatiku għal ġbir u l-iproċċessar ta' l-istatistika intrakomunitarja	200 000
Ftehim Speċifiku	Laqgħat tat-task force Edicom	100 000
Ftehim Speċifiku	Organizzazzjoni ta' Seminar Intrastat II	50 000